# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR. NOEL BARTOLO**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**ILLUM 13 ta' Lulju 2025**

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Mallia)**
**(Spettur John Sammut)**

**vs**

**Sultan Alhasan Taysir**

**Il-Qorti**,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **l-imputat: SULTAN ALHASAN TAYSIR ta' 20 sena, bin Taysir Alhasan u Maleka nee' Alhasan, imwieled Sirja fl-03 ta' April 2000, u minghajr indirizz ikkonfermat, detentur tal-Passport 860091186**;

**Akkużat talli**: *fl-11 ta' Lulju 2025, bejn is-sieghat 20:00pm u 22:00pm u fix-xhur ta' qabel f' Triq San Edwardu, Qormi, Malta u postijiet ohra diversi fil-Gzejjer Maltin:*

*1. Soqt il-vettura ta' għamla Ford bin-numru ta' reġistrazzjoni KBN 393 mingħajr ma kellek liċenzja necessarja tas-sewqan.*

*Artikoli 15(1)(a)tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta*

*2. Talli ukoll soqt il-vettura ta' għamla Ford bin-numru ta' reġistrazzjoni KBN 393 mingħajr ma' kont kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji għal terzi persuni.*

*Art.3 (1) Kap.104*
*Artikoli 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta*

*Fil-każ ta' kull reat ieħor taħt is-subartikolu (1) B'żieda għall-piena skont dak is-subartikolu, Il-Qorti hija mitluba tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenza tas-sewqan għal żmien ta' mhux anqas minn tmint ijiem.*

*Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

**Rat id-dokumenti esebiti** fosthom il-*current incident report* (Dok JM 1), l-*NPS vehicle details* (Dok JM 2) u l-atti processwali kollha.

**Semgħet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u semgħetu jikkonferma l-ammissjoni ta' ħtija tiegħu** anke wara li l-Qorti wissietu dwar il-konsegwenzi tal-istess ammissjoni u tatu żmien biex jerġa jikkunsidra l-pożizzjoni tiegħu u jerga jikkonsulta ruħhu mal-avukat.

**Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena** idonea li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat għar-reati addebitati lilu fejn il-prosekuzzjoni ssuġġeriet piena ta' sena priġunerija sospiża għal tlett snin. Id-difiża minn naħa tagħha qablet mal-piena suġġerita mill-prosekuzzjoni.

***IKKUNSIDRAT***

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u dawn għalhekk ġew sodisfaċentement ippruvati skond il-Liġi.

Illi sabiex tigi kkalibrata l-piena li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-imputat, l-ammissjoni bikrija tiegħu,i ċ-ċirkostanzi li wasslu għar-rejat u kif ukoll dak sottomess minn entrambi l-partijiet dwar il-piena waqt it-trattazzjoni tagħhom illum.

***DECIDE***

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 15(1)(a) tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 3(1) tal-Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, ssib lill-imputat **SULTAN ALHASAN TAYSIR** ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u tikkundannah **għal perijodu ta' sena (1) priġunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jiġi sospiż għal perijodu ta' tlett snin (3) millum.**

Il-Qorti spjegat lill-ħati **SULTAN ALHASAN TAYSIR** fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza.

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni kif kontenuta fiċ-*charge sheet* fejn il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tiċħad tali talba stante li ma nġabet ebda prova in rigward.

Finalment, il-Qorti tordna li ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għall-atti kollha ta' dawn il-proċeduri u ta' din is-sentenza bil-mezz u fiż-żmien pprovdut mill-Liġi.

**Noel Bartolo**
**MAĠISTRAT**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**13 ta' Lulju 2025**